

32006R0417

L 72/8

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

11.3.2006

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 417/2006

tal-10 ta' Marzu 2006

li jikkompleta l-anness tar-Regolament (KE) Nru 2400/96 rigward ir-reġistrazzjoni ta' ċerti denominazzjonijiet fir-“Reġistru ta' denominazzjonijiet tal-orġini protetti u l-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti” (Pimiento Asado del Bierzo — [IĠP], Fico bianco del Cilento — [AOP], Melannurca Campana — [IĠP], Montes de Granada — [AOP], Huile d'olive de Nice — [AOP], Aceite de la Rioja — [AOP], Antequera — [AOP])

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2081/92 tal-14 ta' Lulju 1992, rigward il-protezzjoni ta' indikazzjonijiet ġeografiċi u ta' denominazzjonijiet tal-orġini ta' prodotti agrikoli u ta' oġġetti tal-ikel ⁽¹⁾, u b'mod partikulari l-Artikolu 6(3) u (4) tiegħu.

Billi:

- (1) B'konformità mal-Artikolu 6(2) tar-Regolament (KEE) Nru 2081/92, it-talba tal-Italja għar-reġistrazzjoni taż-żewġ denominazzjonijiet “Fico bianco del Cilento” u “Melannurca Campana”; it-talba ta' Franza għar-reġistrazzjoni tad-denominazzjoni “Huile d'olive de Nice”; it-talba ta' Spanja għar-reġistrazzjoni ta' erba' denominazzjonijiet “Pimiento Asado del Bierzo”, “Montes de Granada”, “Aceite de la Rioja” u “Antequera” kienu ppublikati f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea ⁽²⁾.

- (2) Ebda dikjarazzjoni ta' oppożizzjoni, b'konformità mal-Artikolu 7 tar-Regolament (KEE) Nru 2081/92, ma kienet innotifikat lill-Kummissjoni, għalhekk dawn id-denominazzjonijiet għandhom ikunu mdaħħla fir-“Reġistru ta' denominazzjonijiet tal-orġini protetti u ta' indikazzjonijiet ġeografiċi protetti”,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness tar-Regolament (KE) Nru 2400/96 tal-Kummissjoni ⁽³⁾ huwa komplut bid-denominazzjonijiet li hemm fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fl-20 jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 10 ta' Marzu 2006.

Għall-Kummissjoni
Mariann FISCHER BOEL
Membru tal-Kummissjoni

⁽¹⁾ ĠU L 208, 24.7.1992, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar mir-Regolament (KE) Nru 806/2003 (ĠU L 122, 16.5.2003, p. 1).

⁽²⁾ ĠU C 125, 24.5.2005, p. 2 (Pimiento Asado del Bierzo);
ĠU C 137, 4.6.2005, p. 12 (Fico bianco del Cilento);
ĠU C 138, 7.6.2005, p. 7 (Melannurca Campana);
ĠU C 151, 22.6.2005, p. 4 (Montes de Granada);
ĠU C 172, 12.7.2005, p. 7 (Huile d'olive de Nice);
ĠU C 172, 12.7.2005, p. 13 (Aceite de la Rioja);
ĠU C 177, 19.7.2005, p. 28 (Antequera).

⁽³⁾ ĠU L 327, 18.12.1996, p. 11.

ANNEX

Prodotti tal-anness I tat-Trattat destinati għall-ikel tal-bniedem**Materji grassi (butir, margarina, żjut, u l-bqija)**

SPANJA

Montes de Granada [AOP]

Aceite de la Rioja [AOP]

Antequera [AOP]

FRANZA

Huile d'olive de Nice [AOP]

Frott, ħaxix u ċereali fl-istat tagħhom jew mibdula

SPANJA

Pimiento Asado del Bierzo [IGP]

L-ITALJA

Fico Bianco del Cilento [AOP]

Melannurca Campana [IĠP]
